**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 3 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 789/01 AJD*

MB Sell System Ltd.

vs

Mark Briffa

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmintax il-lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm418.38) rappresentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci mibjugha u konsenjati lill-konvenut.
Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Grech in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmintax il-lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm418.38) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR